# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 48/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 23 ta' Settembru, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:45hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

48.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' familja, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 47

48.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 47 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

48.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand Encore rigward reklamar ta' attivitajiet fl-Arts & Culture Magazine li ser joħroġ fis-27 ta' Novembru, 2022.

48.3.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill iħallas biex isir reklam dwar l-attività Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market li ser issir fit-3 u 4 ta' Diċembru, 2022.

48.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-Kuratur ta' Heritage Malta rigward laqgħa biex jiġi diskuss kif l-aġenzija tista' tgħin dwar l-aċċessibilità tax-*shelters* f'Ħal Kirkop.

48.3.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jiltaqgħu mal-Kuratur ta' Heritage Malta nhar l-20 ta' Ottubru, 2022.

48.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Fondi għall-Proġetti fil-Komunitajiet (Proġetti 2023).

48.3.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-applikazzjonijiet bil-proposti għal dan il-fond jintlaqgħu sa nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru, 2022.

48.3.3.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jekk ikollna l-affarijiet tekniċi lesti minn naħa tal-Perit fir-rigward tal-proġett ta' Pjazza Żerniq, il-Kunsill ikun jista' jdaħħal din l-applikazzjoni.

48.3.3.3 Dan għaliex il-Kunsill ma laħaqx kellu kollox lest biex seta' japplika għal dan il-proġett mill-iskema dwar *Call for Project Proposals for Local Councils as part of the Sustainable Localities Scheme* mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża.

48.3.3.4 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kienu qablu f'laqgħa nru. 47, jekk sad-data tal-għeluq l-applikazzjoni ma tkunx lesta, il-Kunsill għandu jkompli bil-preparamenti biex malli jkun hemm skema oħra simili, l-Kunsill ikollu il-preparamenti tekniċi lesti u jkun jista' jdaħħal l-applikazzjoni.

48.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Proġett biex jitfakkar it-30 sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Gvern Lokali.

48.3.4.1 Is-Sindku qal li l-Kunsilli Lokali ġew mistiedna biex jindikaw dik il-ħaġa li hija sinonima jew tirrappreżenta l-lokal bħal eż. Hal Qormi jista' jkun il-furnar, Il-Mosta tista' tkun ir-Rotunda, etċ.

48.3.4.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop jipproponi il-Menhir, li jinsab fid-daħla ta' Ħal Kirkop u l-irkotta li hija sinonima ma' din il-lokalità peress li missirijietna kienu jaqilgħu l-għixin tagħhom mill-produzzjoni tal-irkotta.

48.3.5 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa tal-Kunsill minħabba li l-Kunsill kellu laqgħa mas-Sur Jozef Saliba rigward il-Klabb tal-Boċċi. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-18:00hrs.

48.3.6 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jerġgħu jidħlu għal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-18:50hrs.

48.3.7 Il-Kunsillier Cody Galea daħal għal-laqgħa f'dan l-istadju. Il-ħin kien is-18:50hrs.

48.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kappillan fejn dan kien irringrazzja lill-Kunsill tal-għajnuna mogħtija biex seta' jinġieb krejn biex isir xogħol fid-Domus.

48.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fejn intalbet għajnuna biex f'Novembru issir attività fil-knisja fejn jitqassmu boroż ta' San Martin lit-tfal kollha li jattendu.

48.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li tingħata din l-għajnuna kif kien sar fis-sena preċedenti.

48.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand resident li kien qed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq San Benedittu k/m Triq Taż-Żebbiegħ.

48.3.10.1 Is-Sindku qal li dan ir-resident kien talab li jċaqlaq il-*pelican crossing* bi ftit metri minħabba li kienet ser tiġi eżatt quddiem il-bieb tal-garaxx.

48.3.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jagħtu permess lil dan ir-resident biex ineħħi il-pelican crossing u minflokha jsiru belisha lights fejn issuġġerit minnhom. Dan ix-xogħol għandu jsir wara li r-resident jikseb il-permessi kollha neċessarji u jħallas għax-xogħol kollu biex din il-*pelican crossing* titneħħa u terġa' ssir ftit metri 'l isfel. Huwa importanti li ma jinħolqux problemi lil terzi.

48.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Rush Athletic Club rigward l-organizzazzjoni tas-Safi 5K Race li ser issir nhar il-Ħadd, 4 ta' Diċembru, 2022.

48.3.11.1 Is-Sindku qal li Rush Athletic Club kienu qed jitolbu in-*No Objection* tal-Kunsill, filwaqt li fakkar li dakinhar il-Kunsill ser ikollu l-attività Gigantic.

48.3.11.2 Il-Kunsilliera raw ir-rotta ta' din it-tiġrija u qalu li ma jarawx li din se tafettwa l-attività tal-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill seta' joħroġ in-*No Objection*.

48.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Skema minn Transport Malta bit-tema '*Grant Scheme for the Implementation of Active Mobility or Citizen Engagement Measures by Local Councils and Non-Government Organisations*'.

48.3.12.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-applikazzjonijiet għal din l-iskema jagħlqu fl-20 ta' Novembru, 2022. Hu qal ukoll li ser issir sessjoni ta' informazzjoni nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2022 fis-2.30pm.

48.3.12.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li għal din is-sena ma japplikawx.

48.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand resident rigward talba biex issir zebra crossing fi Triq San Pietru viċin iċ-Ċentru Leap!.

48.3.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li hemm problema kbira f'din l-*area* u hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jitlob lill-Perit jagħmel *survey* tal-*area* u joħorġilna l-pjanti fejn l-aħjar li jsiru *belisha lights* fi Triq San Pietru k/m Triq Salvu Sacco.

48.3.13.2 Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti dwar dan.

48.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand resident rigward talba għal *road hump* fi Triq 29 ta' Mejju, 1592 k/m Triq l-Aħfar, minħabba li fl-opinjoni tiegħu din il-kantuniera ġiet perikoluża.

48.3.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba, liema talba kienet diġà ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti u d-deċiżjoni tal-Kunsill tibqa' tali, jiġifieri li ma jistax isir *sleeping police* f'din l-akwata.

48.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-ittra tar-riżenja tal-Ġardinar tal-Kunsill.

48.3.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet iċekkjat il-perjodu tan-*notice* li kellu jinħadem u kienet infurmat lill-impjegat. L-aħħar ġurnata tax-xogħol tal-ġardinar ser tkun nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru, 2022.

48.3.15.2 Il-Kunsilliera rringrazzjaw lill-ġardinar tal-ħidma tiegħu fil-Kunsill.

48.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-14 ta' Settembru, 2022 saret il-World Clean Up Day 2022. Din l-attività saret bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Punent. Il-Grupp Żgħażagħ Kirkop kienu wkoll parti minn din l-attività.

48.3.16.1 Is-Sindku qal li sar tindif fi Triq il-Madonna tad-Dawl, fl-*area* Tar-Robba, fejn inġabar trakk mimli imbarazz li kienu jinkludu anke *pushchairs*, pompi tal-ħadid u imbarazz ieħor. Dan apparti l-ammont kbir ta' flixken tal-plastik u paketti tal-ħelu u żibel ieħor mormi bl-addoċċ, minn persuni irresponsabbli.

48.3.16.2 Is-Sindku qal li din l-attività kienet suċċess u rringrazzja lil kull min ta sehmu biex l-ambjent tal-*area* li ġiet imnaddfa ingħata dehra ħafna isbaħ.

## 48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

48.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa informazzjoni dwar il-lista tal-ilmenti.

48.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-lista qed issir iżda hemm bżonn li tibda tintbgħat lill-Kunsilliera kollha u ssir *follow up* fuqha. Importanti li l-iskrivani jaraw li din il-lista tinżamm *updated*.

48.4.1.2 Kien hemm qbil li l-lista tal-ilmenti tintbgħat lill-Kunsilliera kollha fl-aħħar tal-ġimgħa.

48.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-*whatsapp chat* li l-Kunsill għandu mal-*contracts manager*. Hu qal li din hemm bżonn tinżamm *online* il-ħin kollu għax jaf li jkun hemm messaġġi urġenti.

48.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-iskrivani għandhom jimmoniterjaw din ic-*chat* matul il-ġurnata kollha biex kollox jinżamm *updated*.

48.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar l-Arkata ta' San Ġakbu u jekk din hux lesta.

48.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill qed jiċċekkja jekk din hux lesta u jekk jistax isir xi ħaġa biex jiġi mnaddaf u rranġat il-passaġġ ta' ġewwa.

48.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-cameras tas-sigurtà f'Ħal Kirkop.

48.4.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li fir-rigward ta' Triq ir-Ramlija ser ikun qed jitkellem mal-GreenPak biex jinstallaw aktar cameras biex jitnaqqas l-abbuż.

48.4.5 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar tabella li hemm fi Triq Tal-Fieres u li qed tostakola *parking bay*.

48.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din kellha tinqala' u tersaq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tiċċekkja għaliex din it-tabella kienet għadha ma ġietx irranġata.

48.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar jekk kienx hemm *updates* mil-laqgħat li kellna mal-Ministri. Hu qal li jekk ma kienx hemm *feedback* hemm bżonn li nagħmlu ftit *follow up*.

48.4.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien ser jagħmel *follow up* biex jara ftit kif bqajna fuq dak li ġie diskuss.

48.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar x'se jsir fir-rigward tas-*soft areas*, peress li issa ser inkunu mingħajr ġardinar.

48.4.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill ser jiġbor stimi għall-manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*.

48.4.7.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 48.5 Rapport tal-Ilmenti

48.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 48.6 Proġett UE – *Citizens, Equality, Rights and Values Programme*

48.6.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għadu kif ġie notifikat li ser ikun jagħmel parti mill-Proġett tal-Unjoni Ewropea taħt il-programm CERV bit-tema 'Strengthening European Identity in Time of Crises. Dan il-proġett ser ikun immexxi mill-Kunsill ta' Padron f'Galicia, Spanja.

48.6.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien qed jipprepara l-formularju meħtieġ biex jittella' fuq il-portal tal-UE biex jiskatta l-proċess ta' dan il-proġett. Il-Kunsilliera qablu li jitolbu l-għajnuna ta' persuna li taħdem f'dan il-qasam għal dan il-għan.

48.6.3 Il-Kunsilliera laqgħu bil-ferħa din l-aħbar minħabba li proġetti ta' din ix-xorta jgħinu biex il-Kunsilli jkomplu jħossu li huma parti importanti mill-Unjoni Ewropea, ikomplu jkabbru l-opportunitajiet ta' tagħlim filwaqt li jaqsmu il-valuri komuni mal-imsieħba kollha ta' dan il-proġett, liema imsieħba jiġu minn sittax-il pajjiż differenti.

48.6.4 Is-Sindku Terence Agius qal li waħda mill-ħames laqgħat ta' dan il-proġett ser issir f'Malta u għaldaqstant din tgħin aktar biex il-Kunsill jagħti promozzjoni lil Ħal Kirkop.

## 48.7 L-Attività Irkottafest 2022

48.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għaddej ġmielu bil-preparamenti tal-attività Irkottafest 2022.

48.7.2 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien talab diversi stimi għax-xogħlijiet konnessi ma' din l-attività. Il-Kunsilliera raw dawn l-istimi u qablu li jmorru għall-orħos offerti.

48.7.3 Is-Sindku Terence Agius qal li din is-sena l-bar kellu jintrama mill-Għaqda Mużikali San Leonardu iżda dawn minn naħa tagħhom irrifjutaw din l-offerta u għaldaqstant il-Kunsill offra din l-opportunità lis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, li minn naħa tagħhom aċċettaw din l-offerta.

48.7.4 Fir-rigward tal-programm, il-Kunsilliera qablu li jimxu ma' dak preparat bl-għana u l-grupp folk janimaw fi Triq San Benedittu, f'Misraħ Hal Kirkop u f'Misraħ San Leonardu f'ħinijiet differenti. Apparti hekk l-Għaqda Kulturali u l-Kirkop Pagaent Group ser ikunu qed jagħmlu *sketches* fiż-żewġ pjazez matul il-ġurnata.

48.7.5 Il-Kunsilliera qablu li jkomplu jmexxu b'dak kollu ppjanat skont kif diskuss fil-laqgħa li saret apposta fuq dan is-suġġett.

## 48.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

48.8.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 130 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

48.8.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 130 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 48.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

48.9.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

48.9.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2022 fl-16:30hrs.

48.9.3 Il-laqgħa ntemmet fid-21:15hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 20 ta' Ottubru, 2022

**Mozzjoni Ref:** 258/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 47.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Settembru, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 259/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 130.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 23 ta' Settembru, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**